TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal Tal-Konsumatur**

Sarah Micallef u Carl Grima

vs

E Casa Ltd

CCT 133/20/MS

8 ta' Mejju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-18 ta' Settembru 2020, fejn talbu lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallashom l-ammont ta' elf mitejn u hamsin euro (€1,250.00), prezz ta' TV unit mixtrija u konsenjata mis-socjeta' intimata, liema unit ma kenitx tal-kulur pattwita u inoltre, l-kulur tal-iskirting kien differenti mill-kulur tal-kumplament tal-unit.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet it-talbiet rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra r-rikorrenti; illi mhuwiex minnu illi kien hemm transazzjoni ta' bejgh bejn l-atturi u s-socjeta' intimata u dan kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawza; bl-ispejjes.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fuq rakomandazzjoni tal-habiba tar-rikorrenti, f'Dicembru 2019 ir-rikorrenti Sarah Micallef u l-gharus taghha Carl Grima marru ghand is-socjeta' intimata fl-Imriehel biex jixtru TV unit u hemhekk raw il-kuluri u l-mudelli li kienu *on display* mal-hajt. Huma xtaqu kulur abjad. Ghalkemm ma rawx *wall unit* shih, raw numru ta' *samples* u minn hemm, wara li kkonfermaw dak li xtaqu u ddisktew l-affarijiet, ghamlu l-ordni taghhom. Ir-rikorrenti Micallef tghid illi kien hemm persuna mara jisimha Leanne ezatt kif tidhol fir-reception area li kienet irriferietha ma' mara ohra Taljana li ghamlitilhom id-design, pero' ma setghetx tiftakar l-isem ta' din il-mara. Pero' qalet li kull meta marret fuq il-post kienet titkellem ma' din il-mara Taljana u gieli ddiskutew prezzijiet, kuluri, qisien ecc u kienet din il-mara li eventwalment tathom il-kuntratt ta' Gruppo Inventa. Hallsu d-depozitu u l-unit wasal

Malta fi Frar 2020 u gie konsenjat lilhom mis-socjeta' intimata. Ir-rikorrenti Sarah Micallef xehdet illi meta saret l-installazjoni hi ma kenitx prezenti, izda kien prezenti r-rikorrenti l-iehor Carl Grima. Meta imbaghad rat il-*unit* iktar tard, indunat illi ghalkemm l-iskirting kien abjad, it-TV unit kien kulur differenti - *off white* - u mhux dak li ordnat. Minn dakinhar bdew jikkomunikaw maghhom sabiex jippruvaw jsolvu l-problema, izda dan minghajr success. Qalet ukoll li l-pagament kollu thallas x'hin il-*unit* gie installat u l-kulur li huma riedu kien l-istess kulur bhall-iskirting . Ir-rikorrenti esebiet ukoll il-*purchase order* u l-ircevuta li wasslet f'Awwissu 2020. Qalet ukoll illi huma gew offruti li jinbidel l-iskirting u jigi off-white bhall-kumplament tal-unit, izda huma ma accettawx.

In kontro-ezami, ir-rikorrenti qalet illi hi ghamlet il-kuntratt ma' E' Casa Ltd li huma rapprezentanti ta' Gruppo Inventa. Qalet ukoll illi kienet baghtet message fuq messenger mill-mobile tal-habib taghha fejn hemmhekk huma ikkonfermaw illi hawn Malta ma hemmx Gruppo Inventa, izda hemm E' Casa Limited fejn hemm l-ufficju taghhom, u hi fil-fatt hi marret l-ufficju taghhom l-Imriehel, fejn hemm indikat car l-isem E' Casa Ltd. Qalet ukoll illi meta marret ghand E Casa Ltd, kien hemm persuna li qdietha u li bdiet tikkorrispondi maghha. Qalet ukoll illi hi ordnat il-kulur Bianco Opaco u mhux Bianco Sporco u l-unit kien gie f'zewg kuluri differenti - *offwhite u white.*

Xehed ukoll Carl Grima li qal illi hu kien prezenti dakinhar illi ghamlu l-ordni tal-*wall unit* u kkonferma illi kienu marru biex jaraw it-TV unit u ordnawh minn gewwa l-bini ta' E Casa Ltd u huma qatt ma siefru lejn Sqallija. Qal ukoll illi l-hlas sar fl-istess bini u l-hlas tal-ahhar parti sar permezz ta' cekk. Parti mill-hlas sar bi flus kontanti u parti l-ohra sar permezz ta' cekk u l-ewwel ma thallas kien id-depozitu ta' €370.00. In kontro-ezami Grima ma ftakarx jekk kienx hemm xi kommunikazzjoni qabel il-*unit* gie ordnat, pero' qal illi huma kienu taw il-qisien lill-persuni li kienu prezenti fil-bini f'Malta. Qal ukoll illi meta huma marru hemm, hadd ma qallhom illi l-*unit* kien ser jigi b'zewg kulur differenti u fil-fatt meta l-kumpanija baghtet haddiem fuq il-post kien anke qabel maghhom verbalment.

Illi xehdet ukoll Liliana Borg, direttur ta' E' Casa Ltd permezz ta' affidavit. Qalet illi E' Casa Ltd hija kumpanija li tbiegh u tinstalla l-ghamara f'Malta, pero' m'ghandha x'taqsam xejn ma' Inventa S.r.l u dawn huma zewg kumpaniji distinti - wahda registra u bbazata f'Malta u mmexxija minnha u l-ohra kumpanija Taljana bbazata Pozallo u mmexxija minn dirigenti Taljani. Spjegat illi l-link ta' E' Casa Ltd ma Inventa S.r.L huwa li huma jixtru l-merca taghhom minghand Inventa u ghandhom ftehim informali li meta huma jigu Malta biex jiltaqghu ma' xi klijenti taghhom juzaw l-ufficini ta' E' Casa Ltd, filwaqt li meta huma ikollhom klijenti li jixtiequ jaraw xi ghamara armata go showroom huma jibghatuhom Pozzallo fix-showroom ta' Inventa S.r.l.

Qalet ukoll illi E' Casa Ltd gieli tghin fil-konsenji (deliveries) tal-ghamara li huma jaghmlu f'Malta. Spjegat illi minhabba illi S.r.l juzaw l-ufficini taghhom, meta klijent taghhom irid ihalli xi depozitu jew jiffirma xi kuntratt, dawn jigu fir-reception taghhom f'Malta u jhallu l-

flus u d-dokumenti hemm, liema dokumenti jigu sigillati f'envelope u jinghataw lir-rapprezentant ta' Inventa S.r.L meta jigu f'Malta.

Rigward il-kaz in kwistjoni, qalet li r-rikorrenti qatt ma avvicinaw lill-E' Casa Ltd biex jixtru minghandhom u l-uniku kuntatt maghhom kien meta gew biex jaraw xi samples u meta dawn intaghzlu mir-rikorrenti E' Casa Ltd infurmaw lil Inventa S.r. l bil-kulur li ghazlu. Qalet ukoll illi f'Dicembru 2019 kienu anke hallew cash deposit ta' €370.00 u kuntratt iffirmat ghand ir-receptionist sabiex dan ighadduh lil Salvina Lemmolo li hija impjegata ta' Inventa S.r.l (Dok A). Il-kuntratt u l-flus gew mghoddija lill-Inventa S.r.l u li kieku ma kienx ghal dawn il-proceduri, lanqas biss kienet tkun taf ghal xhiex kienu dawn il-proceduri. Ftit xhur wara ir-rikorrenti hallew cekk ghal Inventa S.r.l fl-ufficini taghhom li ma kienx indirrizat lill-E' Casa Ltd. (Dok B). Qalet ukoll illi Leanne, impjegata ma' E' Casa Ltd bhala receptionist kienet il-go between u kwalunkwe karti li kienu jibghatu minn Inventa kienu jhalluhom fir-reception ma' Leanne, izda Leanne ma kenitx tiehu l-ebda decizjonijiet. Qalet ukoll illi wara li thallas l-ahhar pagament, ir-rikorrenti gew fl-ufficni taghhom biex jaghmlu ilment u dan l-ilment gie mghoddi lill-Inventa, li min-naha taghhom staqsew lill-E' casa Ltd biex jiltaqghu mal-klijenti taghhom u jaraw x'ghandhom bzonn. Qalet ukoll ill hi ma kellhiex il-kompetenza illi tieghu decizjonijiet jew tilhaq xi tip ta' ftehim mar-rikorrenti.

Spjegat illi l-ilment tar-rikorrenti kien fuq il-kulur tal-unit - u cjoe li l-abjad ma kienx dak li xtaqu huma, u qalet illi hi kienet spjegatilhom li kien hemm hafna tipi ta' abjad u li l-abjad maghzul minnhom kien l-uniku abjad tal-*wall-units* tad-ditta Gissiegi li kienu ghazlu huma.

Qalet ukoll illi ghalkemm kienu huma (E' Casa Ltd) li wrewhom is-samples li fuqhom saret l-ordni tar-rikorrenti, dan sar wara konsultazzjoni ma' Inventa Design, peress li huma ma kellhomx obligazzjoni kontrattwali lejn ir-rikorrenti. Qalet ukoll illi ghalkemm t-trattativi dejjem saru bejn ir-rikorrenti u Inventa, meta ma lahqux ftehim, fethu proceduri kontra E' Casa Ltd. Qalet ukoll illi Salvina lemmolo, li kienet qdiet lir-rikorrenti kienet baghtet il-korrispondenza kollha li hi kellha maghhom (Dok C) li turi illi r-rikorrenti qatt ma gew ghandhom biex jordnaw l-ebda *unit*. Fil-fatt l-uniku link li kien hemm kien illi huma kienu gew fl-ufficini taghhom biex jaraw is-samples u jhallu l-kuntratt u li wara l-ilment huma kienu ippruvaw ighinuhom.

In kontro-ezami, Borg qalet illi hija importatur tal-ghamara u apparti x-xoghol ta' Gruppo Inventa, hija ggib ukoll xoghol minghand kumpaniji ohra. Qalet ukoll illi huma ghandhom tlett vetturi li ghandhom ir-riklami fuqhom u jista' jkun li hemm karrozzi bir-riklam ta' Gruppo Inventa u ta' E' Casa Ltd flimkien. Qalet ukoll illi r-relazzjoni taghhom ma' Gruppo Inventa huwa illi huma jixtru l-ghamara minghandhom u jhalluhom juzaw l-ufficini taghhom f'Malta meta jkollhom xi kuntratt u l-istess jaghmlu huma meta jmorru l-Italja. Spjegat illi nhar ta' Erbgha Inventa jibghatu container li jasal wara nofs in-nhar u meta t-trakk jasal l-Imriehel huma jhallsu l-invoices. B'referenza ghal fatt illi l-klijenti ihallu l-flus ghall-Gruppo Inventa ma'

receptionist, din hija impjegata ta' E' Casa Ltd. Qalet ukoll illi E' Casa Ltd jaghmluha ta' messagiera ta' Inventa u li hi kienet talbithom il-kuntratt.

Ikkonfermat illi kien hemm il-firma ta' Leanne fuq il-kuntratt li rceviet id-depozitu u li kwalunkwe dokumenti thallew mar-receptionist impjegata ta' E' Casa Ltd. Qalet li saret taf fuq l-ilment u dahlet fil-kwistjoni wara alavolja n-negozju kien sar mal-Inventa u li huma gieli jinvolvu ruhhom ghaliex il-klijenti jigu ghandhom u jippruvaw ighinuhom. Ikkonfermat illi qabel ir-rikorrenti ordnaw, huma (E Casa Ltd) kienu urewhom is-samples. Ikkonfermat illi r-referenza ghal 'nostro ufficio a Malta' hija referenza ghall-E' Casa Ltd u r-referenza ghal 'nostro consulente' huwa referenza ghal xi hadd li jahdem mal-Inventa imma jista' jkun illi hija referenza ghal receptionist Leanne.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza hija bbazata fuq kuntratt ta' bejgh. Illi filwaqt li r-rikorrent qeghdin ighidu illi l-bejgh sar mas-socjeta' intimata E' Casa Ltd, is-socjeta' intimata qieghda tghid illi ma kien hemm l-ebda transazzjoni ta' bejgh bejn il-partijiet u li hi mhijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.

It-Tribunal ghandu quddiemu ukoll numru ta' emails skambajati fil-perjodu Ottubru/ Novembru 2019 bejn ir-rikorrenti Sarah Micallef (saramicallef@hotmail.com) u Salvina Iemmolo/ Ofelia ghal Gruppo Inventa (info@gruppoinventa.com).

Minn dawn l-emails jirrizulta illi l-korrispondenza saret qabel ir-rikorrent marret fl-istabbiliment ta' E' Casa Ltd.

F'email data 19 Ottubru 2019 mibghut minn Salvina (info@gruppoinventa.com), hi tghid hekk:

*" ... Riguardo il pagamento, noi chiediamo al momento del contratto il 30% del totale con un bonifico bancario, oppure cash o cheque presso il nostro officio di Malta."*

Fl-email datat 20 ta' Novembru 2019 ir-rikorrenti tghid hekk:

*Dear Salvina,*
*Thank you for your email. We agree with the dimensions and design shown in your previous email. Can the tip of the pigeon hole be a wenge.* ***<u>We intend to visit your shop here in Malta next week to proceed with order</u>*** *....."*

Ghal dan l-email kien hemm risposta, fejn Salvina qalet hekk:

*Ciao Sarah,*
*Fammi sapere quale e' il giorno in cui vorreste* ***andare nel nostro ufficio di Malta, cosi posso fissare per voi un appuntamenti con un nostro consulente*** *e mando tutto il materiale di cui abbiamo discusso.*

Fit-23 ta' Novembru intbghat email iehor minn Ofelia (ghal Gruppo Inventa):

*Hello Sarah,*
*Yes it's possible to make the colour of the top but not wedge, in a similar colour.*
*You can see the sample in Malta.*

Ikkunsidra

Illi wara l-ordni gie konsenjat u r-rikorrenti indunat bid-diskrepanza, jidher illi l-ewwel ma ghamlet kienet li baghtet email lil Gruppo Inventa fl-1 ta' Marzu 2020 fuq l-indirizz info@gruppoinventa.com. Fit-2 ta' Marzu 2020 xi hadd 'Federica' minn Gruppo Inventa rispondietha u qaltilha li kollega taghha kienet ser taghmel kuntatt maghha.

Minn hemm il-quddiem, jidher illi l-emails kienu qed jigu skambjati kemm lil daniabaglieri@inventadesign.it kif ukoll logistics1@ecasa.com.mt.

F'email datat 4 Marzu 2020 mibghut minn logistics1@ecasa.com.mt, Leanne tghid hekk:

*Dear Sara,*
*We just sent your problem to the replacement department and will give you a call when I will have a reply about your problem.*

F'email datat 11 ta' Marzu 2020, ir-rikorrenti tghid hekk:

*Good afternoon,*
*Trust this email finds you well.*
*Yesterday two representatives of Gruppo Inventa surveyed the TV Unit.*

F'email datat 13 ta' Marzu 2020, Leanne, mine E' Casa Ltd tghid hekk:

*Dear Sara,*
*Sorry for my late reply, we have already send your problem to the office in Pozzallo.*

F'email mibghut minn Sarah Micallef lil logicistic1@ecasa.com.mt, ir-rikorrenti tghid hekk:

*Dear Leanne,*

*I have been going back and forth and sending loads of emails regarding this issue. It's not just me but also from Gruppo Inventa's end, this is completely waste of them (sic) and my only regret is that I have been treated badly ....*

F'email mibghut mir-rikorrenti lil Dania Baglieri (daniabaglieri@inventadesign.it) fil-25 ta' Marzu 2020 hi tghid hekk:

*... We can visit E' Casa when this is all over to sort this out but for sure their reply will be that they need to take the matter with Gruppo Inventa, so why waste anymore time.*

Ikkunsidra

Illi minn dawn ir-rizultanzi, it-Tribunal huwa sodisfatt illi ir-rikorrenti avvicinaw lil Gruppo Inventa l-ewwel darba fil-14 ta' Ottubru 2019 permezz ta' email u ghal xahrejn shah huma kienu f'kuntatt dirett ma' Salvina u kienu qed jikkorrispondu maghha fuq l-email info@gruppoinventa.com. Kien biss lejn l-ahhar ta' Novembru 2019 illi huma marru E' Casa Ltd u dan meta gew biex ghamlu l-ordni. Jidher ukoll illi huma hallew id-depozitu ma' xi hadd Leanne, impjegata ta' E' Casa Ltd.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-bejgh sar ma' Gruppo inventa. It-Tribunal ghandu quddiemu kopja ta' kuntratt ta' bejgh bil-*letter head* ta' Inventa design, (li hija t-trade name ta' Inventa S.r.l) mahrug f'isem Carl Grima ghall-prezz ta' €1,250.00 ghal Composizione Living, in finitura bianco opaco ed elemento a giorno in colore noce teak. Dan il-kuntratt huwa iffirmat mix-xerrej - ir-rikorrent Carl Grima u minn Leanne, illi iffirmat biex tikkonferma illi d-depozitu ta' €370.00 thallset mir-rikorrent. Il-firma tal-bejjiegh Salvina Iemmolo ma tidher imkien fuq il-kuntratt.

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu wkoll kopja ta' cekk pagabbli lil Inventa S.r.l mahrug minn Sarah Micallef ghal mija u tmenin euro (€180.00) datat 28 ta' Frar 2020. Dan huwa l-uniku pagament li sar permezz ta' cekk - il-kumplament tal-ammont thallas bi flus kontanti.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Ikkunsidra

Illi ghalkemm it-Tribunal japprezza illi kien hemm element kbir ta' konfuzjoni u l-affarijiet setghu saru b'mod iktar trasparenti min-naha ta' Gruppo Inventa, li misshom ghamlu l-affarijiet cari mill-bidu nett, gialadarba ir-rikorrenti avvicinaw lil Gruppo Inventa, kienet sta ghal Gruppo Inventa li ticcara l-affarijiet u r-rikorrenti kellhom kull dritt li jiccaraw u jikkonfermaw l-affarijiet maghhom minn qabel.

Mir-rizultanzi, it-Tribunal huwa sodisfatt illi ghalkemm ir-rikorrenti setghu gew sgwidati, xorta wahda kienu konsapevoli li kien hemm distinzjoni bejn iz-zewg kumpaniji.

Illi fis-sentenza Frankie Refalo v Jason Azzopardi ippreseduta mill-Onor. Prim Imħallef Joseph Said Pullicino – il-Qorti qalet hekk:

*"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawża kenitx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet.*

Mir-rizultanzi, It-Tribunal huwa sodisfatt illi E' Casa Ltd ma kienux parti minn negozju li holoq ir-relazzjoni guridika, u ghalkemm moralment jista' jkun hemm element ta' responsabbilta', legalment ma jistghux jinzamu responsabbli ghal kwalunkwe nuqqas.

Illi ghalkemm it-Tribunal m'ghandux dubju illi dawn iz-zewg kumpanijii jikkolloboraw ma' xulxin u setghu, jekk riedu, jilhqu ftehim u jsolvu l-problema anke sabiex jinzamm 'a good customer care relationship' bejn il-partijiet, sfortunatement fic-cirkostanzi u mill-provi li ghandu quddiemu, dan in-nuqqas ma jistax jigi ssanat minn dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' l-eċċezzjoni tas-socjeta intimata li ma kienx hemm transazzjoni ta' bejgh u jiddikjara illi ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-partjiet u konsegwentemnt jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes ghandhom jibghu bla taxxa.

**Dr Michela Spiteri LL.D**

**Arbitru**